MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2007

Numru 944/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
v

**SHARIF ABDEL MAJID BILAD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SHARIF ABDEL MAJID BILAD** ta' ghoxrin sena ta' nazzjonalita Sudaniza, bin Bilad u Amna, imwieled Naila, Darfour, Sudan fis-sena 1986 akkomodat c-Centru t'Akkommodazzjoni f'Ta' Kandja s-Siggiewi, detentur ta' numru tal-pulizija 05V-004 gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fis-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006, u fiz-zminijiet ta' wara fic-Centru t'Akkommodazzjoni Ta' Kandia, Siggiewi, ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 1144 Paul Vella, kif wkoll fuq il-persuna ta'

PC 1499 Victor Zammit, skond ma ccertifika Doctor A. Grech u Doctor Marcel Schembri;

2. talli fl-istess cirkostanzi, ingurja w hedded jew ghamel offizi fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan s-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta'dak is-servizz;

3. talli fl-istess cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PC 1144 Paul Vella u PC 1499 Victor Zammit, li hija vjolenza pubblika, liema persuni huma nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti.
Rat id-dokumenti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlettax ta' Settembru 2006 esibit fl-atti bhala dokument EC [fol 6] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' gudikatura kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif registrata fl-atti waqt s-seduta tat-tmintax ta' Settembru 2006 [fol 7].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tas-sbatax ta' Lulju 2007.

Ikkunsidrat:
Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehdet l-Ispettur Edel Mary Camilleri** [fol 8] fejn qalet li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006, hi kienet irceviet telefonata minghand PS 85 mic-Centru t'Akkomodazzjoni f'Ta' Kandia, ghal habta tat-tlieta neqsin kwart fejn giet infurmata li kienu ghadhom kemm harbu xi klandestini u li

kienu rnexxielhom jaqbdu lil wiehed maghruf bin-numru tal-pulizija 05V004.

Qalet li l-ohrajn li lahqu harbu kienu jgibu n-numru 05UU178, 05UU195 u 05UU174. Qalet li huma jaddottaw din is-sistema tal-Immigrazzjoni peress li bhala numru jkunu aktar jistghu jikkwantifikaw min hemm fid-detenzjoni. Spjegat li tal-SAG u tal-mobile squad marru jghinu lil pulizija sabiex jinstabu dawk li kienu lahqu harbu.

Qalet li hi giet infurmata li kienu qabdu lil wiehed maghruf bin-numru 05V004 li kien jismu Sharif Abdel Majid Bilad, skond d-dikjarazzjoni li hu kien ghamel meta dahal hawn Malta. Giet infurmata wkoll li meta dan inqabad, kien ghamel rezistenza mal-ufficjali w anke kkawza griehi ta' natura hafifa fuq zewg kuntistabbli. Qalet li hi tkellmet ma dawn l-ufficjali wara li taghthom s-solita twissija. Ziedet tghid li dawn l-ufficjali ghaddewlha fotokopja ta' zewg cetifikati medici rilaxxjati fil-konfront taghhom. Kompliet tghid li hi tkellmet wkoll ma l-imputat u wara li taghtu wkoll s-solita twissija, fil-presenza tal-interpretu Galal Belaama, huwa nnega dawn il-fatti. Ix-xhud esibiet l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 11], fejn fuqha kkonfermat l-firma taghha, tal-imputat, tal-interpretu kif wkoll ta' PC 63 Josef Farrugia li kien xhud tal-istqarrija.

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehed PC 1499 Victor Zammit** [fol 13] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006, waqt li kien xoghol mal-klandestini f'Ta' Kandja, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar, kien hemm Doctor Frank Cassar jitkellem ma xi klandestini. Qal li hin minnhom semgha lil PC 1144 Paul Vella jghajjat 'harbu… harbu…' w ghalhekk hareg jigri u sab lil PC 1144 Paul Vella jzomm klandestin minnhom u talbu jghinu ghaliex kien qed iwegghu. Qal li hu qabad lil klandestin minn idejh biex idahhlu lura f'postu pero dan l-klandestin beda jaghtih bis-sieq. Qal li kif dar biex idahhlu fid-divizjoni tieghu, l-klandestin <u>rewielu subajh u beda jghajjru</u>. Qal li dan il-klandestin kien l-imputat odjern u kien cert li kien hu peress li gharfu meta gie wicc imb'wicc mieghu. Zied jghid li sussegwentement hu kellu jmur l-

poliklinika fejn gie rilaxxjat lilu certifikat mediku li esibixxa bhala dokument DR [fol 15].

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehed PC 663 Paul Scriha** [fol 16] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006 waqt li kien xoghol f'Ta' Kandja flimkien ma pulizija iehor, certu Frankie, u kienu fil-kuridur jqasmu l-medicini, semgha hafna ghajjat u hareg barra biex jara x'kien qed jigri u ra wiehed mill-pulizija certu Pawlu, li kien qed izomm klandestin. Qal li wara hadu lil dan l-klandestin go kuridur zghir u qaghdu ghassa mieghu. Ikkonferma li dan il-klandestin kien l-imputat odjern. Qal li meta kien qed jigi mizmum mill-pulizija <u>l-imputat kien eccitat hafna u beda jirrezisti lil pulizja li kien qed izommu</u>.

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehed PS 84 Cyril Butters** [fol 18] fejn qal li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006, waqt li kien xoghol fic-Centru ta' Detenzjoni f'Ta' Kandja, ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofsinhar kien mar Dottor Frank Cassar ikellem lil xi klandestini u kif dahal, gibdulu l-attenzjoni biex joqghod barra hdejn l-*orderly*. Qal li fil-frattemp wara li kienu ghaddew xi zewg jew tlett minuti, semgha lil PC 1144 Paul Vella jghajjat li kienu harbu xi klandestini w ghalhekk mar lura. Qal li hemm gie nfurmat li kienu harbu xi hamsa u li wiehed minnhom kien qed jigi mizmum minn PC 1144 Paul Vella u li kien qed jigi aggredit minn dan l-istess klandestin.

Ikkonferma li dan l-klandestin ma kien hadd hlief l-imputat odjern. Qal li hu tkellem mal-imputat pero dan ma beda jikkopera xejn mieghu u baqa jinsisti mieghu li meta jkollu c-cans kien ser jerga jipprova jahrab. Qal li hu dak l-hin gibed l-attenzjoni tal-Kurunell Gatt li hu nkarigat mill-imsemmija *compound* u wara informa lil Ispettur b'dak li kien gara. <u>Qal li hu ma kienx presenti waqt li kienu qed jigu aggrediti l-pulizija</u>.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2007 **rega' xehed PS 85 Cyril Butters** [fol 41] fejn ikkonferma li PC1144 kien gie aggredit mill-imputat li qed naghraf prezenti fl-awla. Ikkonferma li ma kienx prezenti waqt li l-pulizija kien gie

aggredit ghaliex kien qed jigri wara l-erba' klandestini l-ohra, pero' kellu dan ir-rapport.

Meta gie lura fil-bazi, zied jghid ix-xhud, ikkonfermawlu li wiehed mill-pulizija kellu xi girfa f'idejh u l-iehor kellu girfa f'wiccu. Qal li hu ma rax lill-imputat jaghmel dawn l-istess feriti li ddeskriva u personalment ma setghax jghid jekk kienx l-imputat li ghamel dawn il-feriti.

Mistoqsi kemm kien hemm pulizija ma' l-imputat waqt dan l-incident ix-xhud wiegeb li kien hemm pulizija f'kull point u li f'Ta' Kandja f'kull point ikun hemm pulizija wiehed wahdu. Qal li dakinhar hu kellu pulizija bis-sick leave u spicca jaghmel x-xoghol hu. Xehed li kien mar Dottor Frank Cassar u qallu li riduh, hu llarga dawk il-hames minuti u sehh dak l-incident fejn harbu hames klandestini u wiehed minnhom inqabad. Xehed li qallu li ma riedx ikellmu u qal li jixtieq jahrab u kien hemm kollega tieghu u qallu li mnalla kien hemm hu li zammu. Ix-xhud qal li l-kollega tieghu kien wahdu meta zamm lill-imputat ghax l-point kien miftuh pero' jaf li mbaghad talab l-ghajnuna.

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehed PC 1144 Paul Vella** [fol 20] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar, waqt li kien xoghol *fixed point*, ra tlett persuni jaqsmu n-naha tal-hajt w irrealizza li kienu l-istess persuni li kienu qabel mizmuma l-*lock up* w ghalhekk telaq jigri warajhom. Qal li kif wasal fejn l-ewwel tieqa tal-blokk, sab lil imputat presenti fl-awla ma wiccu. Qal li qabdu u beda jghajjat lil shabu biex imorru jghinuh. Qal li sakemm gew shabu l-imputat beda jirresiztih biex ikompli jahrab. Qal li l-imputat beda jgholli idejh u laqtu f'wiccu u lahqu gew shabu l-pulizija l-ohra u tahulhom biex jergghu jakkumpanjawh go postu. Qal li hu mar ghand t-tabib li rrilaxxjalu certifikat mediku li esibixxa bhala dokument DR 1 [fol 22]. Mistoqsi jekk dak l-hin hu kienx liebes l-uniformi tal-pulizija, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Illi nhar s-sbatax ta' Lulju 2007 **rega' xehed PC 1144 Paul Vella** [fol 44] fejn qal li kien minnu li l-imputat mar fid-direzzjoni tieghu u hu qabdu. Ix-xhud spjega li hu kien

gej mid-direzzjoni ta' fejn effettivament kien ghassa, tiela 'l fuq biex jinforma lil shabu li kienu harbu xi klandestini ohra pero l-imputat ma kienx ghadu qed jigri f'dak l-istadju. Qal li l-imputat telaq jigri malli dar u sab lilu ma wiccu u kien dak l-hin li hu qabdu u zammu mieghu minn qaddu u l-imputat beda jipprova jahrab. Qal li l-imputat qabdu min wiccu u girfu u beda jaghtih bis-sieq. Qal li pero fl-ebda hin ma l-imputat heddu lilu.

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehed PC 106 Mario Agius** [fol 23] fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006, ghal habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar, hu kien xoghol normali jaghmel *survey* tal-klandestini u f'daqqa wahda semgha lil kollega tighu PC 1144 Paul Vella jghajjat u rah li kien qed jissara ma wiehed mill-klandestini. Qal li hu mar jigri sabiex jassisti lil siehbu u kif wasal hemm, kien hemm pulizija iehor, jismu Victor, li kien qed jissara mal-klandestin li kien qed jaggredixxi lil PC 1144 Paul Vella. Ikkonferma li dan il-klandestin kien l-imputat odjern.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2006 **xehed Doctor Marcel Schembri** [fol 26] fejn meta gie muri certifikat mediku esibit bhala dokument DR 1 [fol 22] f'isem Paul Vella nhar s-sitta w ghoxrin ta' Frar 2006, ikkonferma li dan gie rilaxxjat minnu. Qal li Paul Vella kien mar l-Health Centre u kien liebes l-uniformi tal-pulizija u meta nvistah sab li kien qed isofri minn dawk l-griehi hemm imsemmija, li kollha kienu ta' natura hafifa.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 31] fejn qal li meta huma harbu mill-*compound* kienu hames persuni u hu kien wiehed minnhom. Qal li hargu fil-*ground* tal-*football* u kien hemm toqba fil-*fence* u hu kien l-ahhar wiehd li ghadda minnha biex jahrab, pero gie maqbud minn zewg pulizija.

Qal li dawk li hargu qablu minn din t-toqba fil-*fence* kienu ta' nazzjonalita Palestinjana u l-pulizija li kien jismu Paul ma rahomx hergin, pero kif hareg hu, rah u mar jigri warajh u qabdu. Zied jghid li wara Paul talab l-ghajnjuna

ta' pulizija iehor bl-isem ta' Mario. Qal li meta gie dan Mario, qabdu minn spalltu u Paul qabdu minn saqajh u Paul qal lil Mario biex imur lil hinn u baqa jigi mizmum minn Mario. Spjega li hu kien liebes zarbun li nqala u hu kien sejjer lura biex jilbsu, pero l-pulizija haseb li kien ser jerga jahrab u kien ghalhekk li baqa jzommu. Qal li hu fl-ebda hin m'ghamel xi rezistenza mal-pulizija u kien ipprova jmur jilbes z-zarbun biss. Qal li l-pulizija kienu fehmuh hazin u kien ghalhekk li qabduh b'mod aggressiv. Qal li kienu l-pulizija li kienu marru ghalih u hu ta ruhu f'idejhom. Qal li l-pulizija rawh meta hu kien sejjer lura biex jigbor z-zarbun, pero cio nonostante, l-pulizija marru mill-ewwel ghalih u qabduh u hu stenna lil pulizija biex imorru jigbruh. Qal li hu fl-ebda hin ma tkellem mal-pulizija w ikkopera maghhom.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta, minn dak li qal l-imputat stess, li verament kien hemm xi klandestini li riedu jaharbu minn gewwa c-Centru t'Akkommodazzjoni f'Ta' Kandja, u li huwa kien wiehed minnhom.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-imputat li dan gie mizmum mill-pulizija, pero fil-fehma tieghu, ma ftehmux. Huwa cahad li PC 1144 Paul Vella spicca ferut u naqas milli jigpjega kif l-istess ufficjal tal-pulizija spicca b'dawk il-feriti. Huwa jghid li m'aggredixxa jew irrezista lil ebda ufficjal tal-pulizija pero mix-xhieda l-ohra jirrizulta l-oppost.

Illi huwa veru li l-feriti li ssubixxa PC 1144 Paul Vella ma kienux gravi pero xorta jibqa l-fatt li ufficjal tal-pulizija spicca ferut waqt l-qadi tad-doveri tieghu – haga li m'ghandhiex tkun.

Illi l-membri tal-korp tal-pulizija li xehdu lkoll jghidu li l-imputat kien qed jigi mizmum minn PC 1144 Paul Vella u li l-imputat kien qed jirrezisti l-arrest. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' PC 1499 Victor Zammit li l-imputat rewielu subajh u dan hu korroborat mic-certifikat mediku esibit fl-atti bhala Dok. DR (fol 15) li jghid li PC 1499 Victor

Zammit kellu '*one scratch mark right hand between the 4th and 5th finger*'.

Illi l-Qorti ma tistax taht l-ebda cirkostanza taccetta li bniedem li jkun mizmum mill-Pulizija jhebb ghall-Ufficjal tal-Pulizija u jkun vjolenti mieghu waqt li dan qieghed jaghti servizz lis-socjeta`. <u>L-uzu ta' forza qatt ma tista' tigi gustifikata meta din tigi ezercitata fil-konfront tal-membri tal-Pulizija in konnessjoni mal-ezercizzju tad-dmirijiet pubblici taghhom</u>.

Huwa dmir u dover ta' din il-Qorti li tipprotegi l-membri tal-Pulizija li hafna drabi jkunu qieghdin jaqdu d-dmirijiet taghhom b'impenn u dedikazzjoni qawwija f'cirkostanzi tant riskuzi u difficli. Il-Pulizija hija bzonnjuza f'socjeta` demokratika sabiex tiehu hsieb l-bzonnijiet tac-cittadini taghha sabiex b'hekk l-istess cittadini jkollhom mohhom mistrieh li f'kaz ta' bzonn, ghandhom lejn min jirrikorru.

Il-Qorti qieset illi l-imputat ried jahrab mhux biss mill-kustodja tal-Pulizija izda ukoll mill-gustizzja li kienet sejra tamministra din il-Qorti, kemm mieghu kif ukoll mas-socjeta`.

Illi l-Qorti tirrileva li sfortunatament dawn l-incidenti qed isiru wisq komuni w ghalhekk zgur ma jistghux jigu trattati b'mod legger.

Illi dwar il-feriti subiti minn PC 1144 Paul Vella u PC 1499 Victor Zammit, il-Qorti taqbel ma dak li qal Doctor Marcel Schembri dwar in-natura ta' tali feriti fis-sens li kienu ta' natura hafifa u fil-fehma taghha tali feriti huma dawk li jaqghu fil-parametri tal-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti thoss li ghandha taghti messagg ukoll lis-socjeta` li hija ghandha tuza l-id harxa fil-kazijiet ta' harba minn post tal-kustodja u dan ghaliex tali incidenti qed jizdiedu bir-rizultat li qed jikkrejaw perikolu attwali lis-socjeta` kif ukoll nuqqas ta' fiducja fis-sistemi governattivi.

Din il-Qorti ma tistax thalli twemmin bhal dan jizdied u ghandha tassikura lis-socjeta` li hija ghandha d-dover u d-dmir li tippunixxi tali agir b'severita`.

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 41, 95, 96, 152, 214, 216, 221, 328 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed ssib lil imputat SHARIF ABDEL MAJID BILAD hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah piena karcerarja ta' tmien [8] xhur effettiva.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------